**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Ronald Magro**

**Kumpilazzjoni Numru: 955/15**

**Illum, 15 ta’ Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ronald Magro detentur tal-karta tal-identita` numru 159977(M).

Akkuzat talli nhar it-8 ta’ Ottubru 2015, gewwa Triq id-Dejqa, Valletta, u f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Clint Giulivo f’periklu car permezz ta’ xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clint Giulivo, jew gablu disordni f’mohhu u li liema hsara setghet iggib periklu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn tal-offiz u dan skont ma ccertifika Dr James Vassallo M.D. mid-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana;

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex topprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Clint Giulivo bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur;

Rat id-dokumenti pprezentati; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 218(1)(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti konrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Ronald Magro hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante rinzunzja tal-parte civile u stante li hu kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Inoltre, qeghda timponi digriet ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jifforma parti integrali mis-sentenza odjerna.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**